MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' April, 2011

Numru. 794/2010

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius Sp Michael Mallia)
vs
Angelo Bilocca, iben Calcidon, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Novembru, 1978, Karta ta’ l-Identita numru 556978(M)

Il-Qorti
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-2 ta’ April, 2010 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti misruqin ġew minn reat ta’ serq kwalifkat bil-valur li jeċċedi s-somma ta’ €232.93;
2. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenza mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta liema

sentenza saretdefinittiva u ma tistax tiġi mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-annimali misruqa ġew ritornati u li l-valur tagħhom kien ta' €2,300.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April,2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------